# Sabiex ma ninsewhomx

minn Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.

## Intervista ma' Marija Paris

Meta matul is-sena skolastika kont qed ngħallem ir-rumanzett "Il-Ħarsa ta' Rużann" miktub minn Francis Ebejer, u magħżul bħala parti mis-sillabu l-ġdid tal-Matrikola, laqatni l-kumment ta' wieħed mill-karattri, illi Ebejer semmieh Pietru, u dan jisħaq illi għandna nimxu 'l quddiem mingħajr ma ninsew it-tradizzjonijiet u l-passat tagħna bħala nazzjon, anzi dawn għandhom ikunu l-bażi sabiex naġġornaw 'il quddiem. Il-ġenerazzjonijiet moderni, fosthom dawk tal-età tiegħi, għandna nħarsu lejn il-familjari tagħna u l-ġenerazzjonijiet preċedenti sabiex mingħandhom nitgħallmu dwar il-mod tal-għajxien tal-passat, napprezzaw dak illi għandna fi żminijietna, u nuruhom l-apprezzament tagħna, iżda sabiex dan isir, irridu nuruhom illi napprezzaw ukoll it-tradizzjonijiet u dak illi stinkaw għalih huma sabiex illum, Birżebbuġa tinsab miexja 'l quddiem fil-ħajja tagħha.

## Il-Ħajja fil-Parroċċa


Birżebbuġa 1944

Iltqajna ma' Marija Paris, Birżebbuġjana, illi għalqet mitt sena f'Mejju li għadda, propju ftit xhur qabel Birżebbuġa tfakkar il-mitt sena mit-twaqqif tagħha bħala entità indipendenti minn parroċċi oħra. Marija kellha x-xorti tiżżewweġ darbtejn. Qed ngħid kellha x-xorti għax iżżewġet l-ewwel darba bil-kunjom Decesare fil-knisja tad-Duluri u t-tieni darba bil-kunjom Paris, iżda kienet iżżewġet fil-knisja l-ġdida, ta' San Pietru. Fi kliem ieħor, irċeviet l-istess sagrament f'żewġ knejjes differenti. Tħoss illi minn dak iż-żmien, Birżebbuġa nqalbet ta' taħt fuq. Tiftakar illi f'Birżebbuġa, bħal bosta postijiet oħra f'Malta, kien hemm ħafna ġuħ u anke bosta tallaba jiġru mat-toroq: "kienu jitkebbu u jistaħbew sabiex ma narawhomx, imma konna narawhom bid-dawl tax-xemgħa. Fit-toroq ma kellniex id-dawl elettriku bħalma għandna llum, imma kellna l-fanali tal-pitrolju. Ta' kuljum preċett kien jiġi raġel bis-sellum, inaddaf it-tubi u jlesti l-lampi għal filgħaxija."

Staqsejna lil Marija x'tiftakar minn madwar mitt sena ilu, minn meta kienet għadha tifla. "Niftakarni nilbes il-mant u nżomm il-bandalora. Niftakar il-purċissjonijiet li kienu joħorġu mill-knisja tad-Duluri. Taf fejn hi hux? U konna ninżlu sal-Bajja ta' San Ġorġ! Kellna mixja! U kien jaħkem ir-riħ! Missieri, Alla jaħfirlu kien ikun warajja bl-istandard, u ġieli kien ikollu jkebbu hemm isfel tant kemm kien jaħkem ir-riħ!" Semmiet ukoll xi użanzi li llum inqatgħu. Semmiet kemm kienu jittieħdu aktar bis-serjetà l-festi: "in-nies kienu jagħtu iżjed kas tal-festa. Kien aktar mument ta' għaqda f'kull familja. Il-knisja kienet tkun mimlija bin-nies u kienu jieħdu gost ħafna jisimgħu l-funzjoni." Meta staqsejt lil Marija x'festi kienu jsiru f'Birżebbuġa, Marija semmiet illi fil-festi tal-Ewkaristija, qrib il-Bajja ta' San Ġorġ kienu jarmaw it-tribuna u hemmhekk jagħtu l-Benedizzjoni Sagramentali. Mistoqsija dwar kif kienu jsiru l-funzjonijiet u l-parteċipazzjoni tal-Birżebbuġin fil-knisja, Marija saħqet illi kollox kien isir bil-pompa, speċjalment il-festi tal-Ewkaristija u n-nies kienet tattendi bi ħġarha.

Mistoqsija dwar il-bidla fit-titular, Marija semmiet illi kienet sitwazzjoni ftit sorpriża għall-poplu ta' Birżebbuġa, iżda ma tantx tiftakar iktar x'kien sar, ħlief il-bini ta' knisja ġdida, għax il-knisja tad-Duluri kienet saret żgħira wisq għall-poplu ta' Birżebbuġa.

## It-Tieni Gwerra Dinjija

Bħala bniedem illi nħobb l-istorja, u studjajt anke dwar iż-żmien tal-gwerra, ma stajtx ma nistaqsix lil Marija rigward it-Tieni Gwerra Dinjija. F'daqqa waħda, għajnejha daru bid-dmugħ u nistqarr illi ħasditni. "Kemm konna niġru lejn ix-xelters! Darba, f'Kalafrana kienu mietu n-nies mgħarrqin. Il-bombi mblukkaw iż-żewġ aperturi tax-xelters, u ħadd ma seta' joħroġ. Kienu nkisru l-kanni tal-ilma u mietu hemm ġew, imsieken! Ħafna nies min jaf kemm kienu jħabbtu bibien ta' familji oħra għal nofs kwart

ħobż!" Issemmi li għalkemm Birżebbuġa ma ntlaqtitx daqskemm intlaqtu rħula oħra, xorta waħda tlifna xi nies, u l-atmosfera fil-lokal kienet kontinwament waħda ta' diqa u biża'.

## It-Twaqqif tal-Banda f'Birżebbuġa

It-tieni raġel tagħha kien Eddie Paris, illi nzerta kien l-ewwel President tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen A.D.1957. Hu kien impjegat mal-Gvern Ingliż, bħalha. "Niftakar il-każin bħala parti mill-każin tal-futbol, imbagħad iktar tard fil-pjazza. Eddie kien ukoll kowċ tal-futbol ta' St. Peter's Football Club." Tistqarr illi l-każin kien għal qalbha, bħalma kienet il-parroċċa, u anke l-klabb tal-futbol u tal-woterpowlow. "Kelli xijld bil-midalji u vera kienet għal qalbi. M'ilux talabhieli xi ħadd u tajthielu, insejt min imma!" Mistoqsija kif laqgħu lill-banda f'dak iż-żmien, Paris kienet pronta u qalet "I was very proud of Eddie, għax in-nies riduha ħafna l-banda. L-ewwel darba li daqqew fit-toroq tgħidx kemm kien hemm nies!"

Nistqarr illi minkejja li f'ħajti għamilt bosta intervisti, għax kultant parti minn xogħli hekk jitlob, din kienet waħda mill-iktar intervisti li ħadt gost nagħmel, għax għalkemm l-istorja nħobbha, inħoss illi sirt naf xi dettalji li qatt ma kont naf bihom. Għalkemm Birżebbuġa hija parroċċa relattivament żagħżugħa ħdejn parroċċi oħra, għandha storja twila u dan jawgura tajjeb għal futur sabiħ. Ma ninsewx minn fejn tlaqna, iżda dan il-mument m'għandux ikun il-punt tal-waqfa, iżda ta' żjara għall-passat, sabiex fuqu nibnu l-preżent u l-futur. Għandna ħafna tajjeb fuq xiex nibnu filwaqt illi hemm affarijiet oħra x'nistgħu ntejbu bħala komunità għaliex kull ħaġa li fiha hemm involuti l-bnedmin hekk hi, minn lewn id-dinja. B'dawn il-ħsibijiet f'moħħi, irringrazzjajt u sellimt lil Marija, u awgurajtilha ħafna iktar snin, saħħa u dak kollu li tixtieq qalbha.



*Eddie Paris flimkien ma' Mro Charles Zammit*


# CassiopeA by Karen

**Specialises in:**

***Waxing - Manicures - Pedicures - Facials***
***Massages - Make up for all occassios - Hopi Ear Candles***



**2165 7458 - 99855189**
**CassiopeA, B'Bugia road, B'Bugia**